**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 16 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1762/01AE**

**George Grech**

**Vs**

**Vince Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u wiehed u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,261.81), hlas ta' appogg mal-propjeta tal-attur gewwa Triq Gdida fi Sqaq il-Qattus, Birkirkara.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ta' l-attur.

Ra d-digriet tat-18 ta' Frar 2002 li permezz tieghu gie nkarigat il-perit tekniku Valerio Schembri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-attur qieghed jikkontendi li l-konvenut appogga mal-hajt divizorju li huwa propjeta tieghu.

2. Il-perit tekniku rrelata verbalment fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2002:

*"Il-perit tekniku spjega li r-ritratt VS 02 juri l-hajt ta' barra tal-propjeta tal-konvenut.*

*Dok. VS08 juri l-gnien tal-propjeta tal-konvenut.*

*Spjega ukoll li fir-ritratt Dok. VS01 tidher bicca ingall fil-ground beam li saret mill-konvenut mal-hajt tal-faccata tal-attur.*

*Dan l-ingall sar fil-pedament tal-propjeta.*

*Spjega ukoll li d-Dokument FS03 juri fuq in-naha tax-xellug il-hajt tal-faccata tal-konvenut u fuq in-naha tal-lemin il-faccata tal-attur.*

*It-Tribunal mmarka l-linja divizorja permezz ta' sinjal blu.*

*Il-perit tekniku irrileva illi fuq il-parti ta' fuq hemm filata fejn sar toothing min-naha tal-konvenut.*

***Il-perit tekniku spejga lit-Tribunal li m'hemmx kwistjoni ta' appogg**.*

***Ix-xoghol li sar fuq il-faccata jsir fil-prattika bl-iskop li jkun hemm stabbilta fil-bini u tigi evitata hsara**".*

3. Mill-provi rrizulta li fil-parti ta' taht tal-hajt li bena l-konvenut, tqiegħed travu tal-konkos li gie ngalljat fil-hajt mibni mill-attur.

4. Il-kwistjoni kollha titratta dwar jekk dan ix-xoghol li sar mill-konvenut jistax jigi kwalifikat bhala appogg u jaghti lok ghall-jedd ta' hlas ta' kumpens. Jidher li l-gurisprudenza tabbracja t-tezi li jista' biss jaghti lok ghal dritt ta' appogg dak li jigi ezercitat fuq il-hitan divizorji u l-addentellament tal-hajt fuq wara. Il-hajt fuq il-faccata m'mhuwiex meqjus bhal hajt

divizorju bejn zewg proprjetarjiet in kwantu necessarjament irid ikun il-hajt li jifred il-fond mit-triq li ghal fuqha jaghti. Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Galea vs Joseph Scerri** deciza fil-5 ta' Ottubru 1993 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili gie ddikjarat: *"Il-ligi taghna tippermetti l-appogg u l-addentellament. F'sens legali mhux possibbli tikkoncepixxi l-appogg hlief ma' hitan tal-gemb u ta' wara u qatt ma hajt tal-faccata li ma jistax ikun divorzju ta' bejn zewg proprjetarjiet"* (insenajment li gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mifsud vs Louis Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001. Ara wkoll sentenzi riportati fil-Volum XXIV.i.450 u Vol. XXXVII.i.66).

5. Wara li t-Tribunal qies dak li rrelata l-perit tekniku u l-insenjament tal-Qrati taghna, jikkonkludi li fil-kaz odjern ma jirrizultax li hemm lok ghall-hlas ta' kumpens ghal dak li ghamel il-konvenut mal-hajt tal-faccata ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet, it-Tribunal jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra tieghu.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**